KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 69

L-erbgħa u sittin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 29 ta' Novembru 2023 fil-7pm ġo sala ġewwa Pjazzetta, Triq Għar il-Lembi Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Anthony Galea | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | | |
| | David Muscat | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-7pm:*

*69.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 66;*
*69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*69.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*69.5 Rapporti ;*
*69.6 Items Oħra ;*
*69.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*69.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*69.9 Mozzjonijiet ;*
*69.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

***Qabel il-laqgħa kien hemm zoom call mas-Sur Robert Tabone mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn spjega s-sitwazzjoni dwar it-tender tan-Norway Grants. Din iz-zoom call damet għal madwar siegħa, b'hekk il-laqgħa tal-Kunsill Lokali bdiet fis-7pm.***

## 69.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

**69.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva ittra ta' apoloġiji mingħand il-kunsillier D. Muscat. Kien hemm qbil fuq ir-raġunijiet għalfejn ma kienux preżenti.

## 69.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 67 U 68

**69.2.1** Is-Sindku ressaq il-minuti 67 għal approvazzjoni. *Approvazzjoni ta' Minuti nr. 67*

**69.2.2** Il-Kunsillier P Radmilli talab għal korrezzjoni għal punt 67.2.2 *Side note* minn 'protesta' għal 'dekorazjonijiet tal-Milied' *Dekorazzjonijiet tal-Milied*

**69.2.3** Is-Sindku talab għal korrezzjoni għal punt 67.2.4 fejn tiżdied il-frażi wara l-aħħar sentenza 'wara l-ispjegazzjoni li tagħna s-Segretarju Ezekuttiv' *Korrezzjoni*

**69.2.4** Il-Kunsillier P Radmilli talab għal korrezzjoni tal-punt 67.3.2 fejn tiżdied il-frażi wara l-aħħar sentenza, 'il-Kunsillier Radmilli ridt jara jekk it-talba saritx jew le'

**69.2.5** Il-Kunsillier P Radmilli talab għal korrezzjoni tal-punt 67.5.2 fejn tiżdied il-frażi wara l-aħħar sentenza, 'il-Kunsillier Radmilli qal biex nagħtu terminu sabiex id-dokumentazzjoni nieqsa tiġi sottomessa'

**69.2.6** Is-Sindku jkkoreġa l-punt 67.6.2 flok il-kelma '*pontoon'* tiġi l-kelma '*landing ferry*' *landing ferry*

**69.2.7** Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-Minuti hekk kif korretti u ssekondaħ il-kunsillier Anthony Galea. Kien hemm qbil unanimu.

*Minuti laqgħa 67*

**69.2.8** Is-Sindku ressaq il-Minuti tal-laqgħa 68 tad-9 ta' Novembru. Ippropona l-Kunsillier J Dougall l-approvazzjoni tal-Minuti u ssekondaħ l-Viċi Sindku A Debono. Kien hemm qbil unanimu

*Minuti laqgħa 68*

**69.2.9** B'referenza għal punt 67.3.1 is-Sindku kkumenta dwar it-telefonati li qiegħed jirċievi minn ċertu residenti. Qal li d-deċiżjoni tal-kunsill dwar din il-kwistjoni ijja waħda finali u li kien hemm qbil unanimu. Għaldaqstant, kompla s-Sindku, triq Tigne' ser tiġi tisemma Triq Robert Arrigo.

*Triq Robert Arrigo*

Dwar punt 67.3.2 is-Sindku qal li x-xogħolijiet ta' Triq il-Kbira għaddejjin skont il-pjan stabbilit u bi qbil ma' l-*Infrastructure Malta* ix-xogħolijiet se jkunu lesti fl-20 ta' Diċembru.

*Triq il-Kbira*

Il-kunsillier P Radmilli fuq punt 67.2.4 qal li ma kienx preżenti għad-diskussjoni u daħal għal laqgħa tal-kunsill wara li kienet ittieħdet id-deċiżjoni mill-kunsill. Hu saħaq li EUR78,000 pagament lill-Perit Bezzina kien ibbażat fuq BoQ ta' madwar EUR7 miljuni. Mid-DPF il-kunsill huwa eleġibbli għal massimu ta' EUR5 miljuni biss.

*Ħlas ta' pagament ACB Architects*

B'referenza għal dan il-punt, s-Sindku nnota li l-kont ġie diskuss fid-dettal f'laqgħa tal-kunsill li kien sar f'April 2022. Kien hemm konsultazzjoni ma l-avukat tal-kunsill dwar dan il-pagament.

Il-Kunsillier Radmilli talab li fil-ġejjieni meta jkun hemm deċiżjoni ta' natura finanzjarja konsiderevoli bħalma hi deċiżjoni fuq kont ta' EUR78,000 din tkun imniżżla fuq l-aġenda bħala punt separat u mhux tkun sempliċiment diskussa bħala komunikazzjoni mis-Sindku u dan sabiex il-Kunsilliera jiġu ippreparati għal diskussjoni fuq is-suġġett.

***Il-kunsilliera Ilona Fenech daħlet għal laqgħa fis-7:20pm***
***Il-kunsillier Emmanuel Borg telaq mill-laqgħa fis-7:35pm***

Il-kunsillier W Vella Baldacchino issuġġerixxa li jitħallsu EUR40,000 lill-Perit Bezzina f'żewġ pagamenti ta' EUR20,000-il wieħed u il-pagament finali ta' EUR38,000 jinżamm sakemm il-kunsill jiddeċiedi

jekk il-proġett isir jew le, dejjem skont il-parir li nirċievu mill-avukat.

Is-Sindku u l-Viċi Sindku qal li jaqbel mal-proposta tal-kunsillier P Radmilli, li għandu jsir laqgħa ma' l-avukat tal-kunsill.

Il-Kunsillier P Radmilli, qal li trid tiġi ċirkolata email bl-ammont li diġà tħallas mill-kunsill lill-Perit Bezzina, kif ukoll id-deċiżjoni li ttieħdet mill-kunsill f'April ta' l-2022 u l-parir legali li kien tagħna l-avukat tal-kunsill.

Is-Sindku saħaq fuq punt 67.6.2 li l-Erbgħa 29 ta' Novembru, flimkien ma' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, iltaqa' mar-rappreżentanti ta' l-*Infrastructure Malta* biex jitkellmu fuq l-andament tax-xogħol tal-*landing Ferry* ġewwa x-Xatt. Huma qalu li l-*landing ferry* huwa ppjanat illi jiftaħ fl-aħħar ta' din is-sena. *Landing ferry*
Is-Sindku talab li isir *embellishment* u *upgrading* taż-żona tax-Xatt ħdejn dan il-proġett. Sabiex dan isir l-*IM* talbu li tintbagħat lilhom email bl-informazzjoni kollha.

**69.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

69.3.1 Is-Sindku saqsa għal parir mill-kunsill biex jara jekk ser jagħti permess lill-komunita' Lhudija. *Komunita' Lhudija*

Il-Kunsillier Radmilli qal li fuq dan il-punt il-Kunsill irid jiddistingwi bejn l-għaġir tal-Gvern Iżraeljan u d-dritt protett mill-Kostituzzjoni ta' qima reliġjuża. Żied li tant din it-talba m'għandiex x'taqsam mal-gwerra preżenti li l-istess talba saritilna is-sena l-oħra meta ma kienx hemm il-gwerra. Żied li jifhem li jista' jkun hemm biża ta' natura ta' ordni pubblika u għalhekk ippropona li l-Kunsill jitlob parir lill-Kummissarju fuq jekk fiċ-ċirkostanzi preżenti jekk jintrama il-Menorah ġewwa Pjazza Sant'Anna fl-okkażjoni tal-Lhud, Hannukah jekk dan jistax iwassal għal xi diżordni pubblika. Ma kienx hemm qbil għal din il-proposta

Is-Sindku ippropona biex il-kunsill jieħu vot fuq jekk il-Menorah tal-komunità' Lhudija għandiex tintrama f'pjazza Sant' Anna.

| Dawk favur kienu: | Dawk kontra: |
|---|---|
| Is-Sindku | il-kunsillier P Radmilli |
| Il-Viċi Sindku A Debono | il-kunsillier J Dougall |
| Il-kunsillier W Vella Baldacchino | |
| Il-kunsilliera V Galea Pace | |
| Il-kunsilliera I Fenech | |
| Il-kunsillier D Soler | |
| Il-kunsillier K Wain | |
| Il-kunsillier A Galea | |

**69.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

**69.4.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

**69.5 RAPPORTI**

**69.5.1** Is-Sindku qal li qatt ma ntbagħtu ritratti tal-latrini pubbliċi ħdejn l-għassa. Is-Sindku innota li l-kuntrattur irid jibda jiġi penalizzat skont it-tender li huwa rebaħ dwar dan in-nuqqas ta' xogħol minn naħa tiegħu. *Public toilets cleaning contractor*

Il-Viċi Sindku saqsa jekk il-kunsill għandu biżżejjed provi f'idejh biex ikun jista' jipproċedi kontra dan il-kuntrattur.

**69.5.2** Is-Sindku sostna li mhux qed isir tindif tal-ġonna madwar il-lokalita' skont kif hemm stipulat fil-kuntratt mal-kuntrattur. Hemm ħafna qsari li ilhom bla fjuri jew li ilhom ma jiġu mnaddfa għal xhur twal. *Public gardens contractor*

Il-Viċi Sindku qal li l-affarijiet u l-problemi mhumiex jieġu indirrizati mill-ewwel. Hemm bżonn li niltaqgħu mal-kuntratturi li għandu l-kunsill sabiex naraw kif jistgħu ikunu iktar effiċjenti fix-xogħol tagħhom għal ġid tar-residenti ta' tas-Sliema. Il-viċi sindku agħmel proposta fejn kull kuntrattur għandu jirċievi rapport li jintbagħat mill-*Contracts Manager,* fejn jiġi spjegat lilhom in-nuqqasijiet f'xogħolhom.

Il-Kunsillier P Radmilli qabel mal-proposta tal-viċi sindku u żied li r-rapport li għandu jintbagħat b'mod konfidenzjali u b'*format* qasir u fl-istess ħin dettaljat.

Kien hemm qbil dwar dan

***Il-Kunsillier A Galea telaq mill-laqgħa fid-9:35pm***

69.5.3 Is-Sindku qal li hu, l-aġent segretarju eżekuttiv u l-*contracts manager* ser jiltaqgħu sabiex jaraw l-ammonti li jistgħu jitnaqqsu fuq ċertu pagamenti li jridu jsiru f'Diċembru.

Is-Sindku qal li l-iskart mhux qed jinġabar fil-ħin stipulat. Is-Sindku talab parir mill-kunsilliera preżenti sabiex jiddiskutu kif jinżammu xi pagamenti ħabba nuqqasijiet fix-xogħol tal-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart li r-responsabbiltà' taqa' taħt ir-Reġjun Llvant. *Ġbir ta' skart*

Kien hemm qbil li l-kunsill għandu jikteb lir-Reġjun fuq in-nuqqasijiet tal-*work plans* li l-kuntratt jistipula li hemm multa ta' EUR1,000 kuljum. Is-Sindku sostna li l-kunsill qatt ma rċieva *work plan* mill-bidu ta' Jannar 2023.
L-email trid tinbgħat b'kopja lil kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart, lis-Segretarju Parlamentari għal kunsilli lokali u lil Ministru Owen Bonnici.

***Kien hemm qbil li l-laqgħa titkompla wara li t-tlett siegħat (7pm sa 10pm) kienu skadew.***

69.6 **ITEMS OĦRA**

69.6.1 Il-Kunsillier W. Vella Baldacchino ippropona li fis-sajf tas-sena d-dieħla l-kunsill jerġa jibda jorganizza Sliema Arts Festival. Hu qal li kien hemm bosta nies li tkellmu miegħu dwar ix-xewqa li f'tas-Sliema jerġa' jkollna festival ta' kalibru kbir u wieħed li jattira bosta artisti Maltin u barranin. *Sliema Arts Festival 2024*
Kien hemm qbil unanimu mill-kunsill dwar din il-proposta.

69.6.2 Il-Viċi sindku A Debono, qal li l-programm ta' attivitajiet li ser jorganizza il-kunsill għal festi tal-Milied huwa finalizzat u mill-ġimgħa d-dieħla se jibda jitqassam il-materjal promozzjonali. *Festi tal-Milied*
Huwa talab jekk il-kunsill jaqbilx li jagħti għajnuna ta' EUR200 lill-erbgħa każini u lill-ħames parroċċi ħabba spejjeż relatati ma l-armar tal-Milied.
***Kien hemm qbil mill-kunsill dwar dan***.

**69.6.3** Kien hemm qbil mill-kunsill li Ms Nicole Cutajar tiġi promossa minn skala 15 għal skala 13, b'hekk Ms Cutajar ser tkompli x-xogħol tagħha fil-kunsill bħala *full-timer on reduced hours* minn l-1 ta' Diċembru. *Staff Promotion*

Il-Kunsill unanimament approva il- *full performance bonus* ta' Anthony Attard

***Il-kunsillier Kevin Wain telaq mill-laqgħa fis-10:45pm***

**69.6.4** Il-kunsill iddeċieda li mhuwiex ser ikompli l-applikazzjoni tiegħu sabiex iniedi l-proġett bil-fondi tan-*Norway Grants.* *Norway Grants*

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Kunsillier P Radmilli qal li dan il-Proġett kien ifisser EUR100,000 fi fondi għal Kunsill għal Proġett fil-Komunità. Qal li hu ħadem personalment fuq l-applikazzjoni b'għajnuna kbira mill-Aġenzija tal-Gvern Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) u s-Segretarju Eżekuttiv. Meta ġejna però għall-implementazzjoni tal-Proġett ħass li ma kienx qed ikun aġġornat u involut fil-proġett. Qal li m'huwiex aċċettabbli li jsiru laqgħat ma' Awtorità Ċentrali fuq proġetti iffinanzjati b'fondi u l-minuti ta' dawn il-laqgħat ma jiġux ċċirkulati mal-Kunsill. Qal li jemmen li l-Kunsill huwa kapaċi jimplementa proġetti b'fondi għaliex hekk sar bil-proġett edukattiv iffinanzjat mill-fondi ta' l-UE AMIF, imma jrid ikun hemm spirtu ta' kollaborazzjoni bejn l-amministrattiv u l-kunsilliera involuti. Saħaq li għandna nistudjaw x'mar ħażin f'dan il-każ sabiex nitgħallmu mill-iżbalji, u talab li l-minuti tal-laqgħat mas-Sur Tabone jiġu iċċirkolati. Hu qal li ma fadalx wisq żmien biex isir ix-xogħol kollu li hemm bżonn fi żmien li huwa stipulat minn dawn il-fondi.

**69.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**69.7.1** Ma kienx hemm aktar rapporti.

**69.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

**69.8.1** Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-pagamenti. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-pagament numru 37, jinżamm *on hold.* *Approvazzjoni tal-pagamenti*

Il-Kunsillier D.Soler propona li l-pagamenti jiġu approvati. Il-Kunsillier J.B.Dougall issekondah. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. Kien hemm qbil illi jinżammu l-pagamenti tal-ARMS minn numru 98 sa 101, fejn hemm kwistjoni dwar jekk il-Kunsill għandu jagħmel tajjeb għall-ħlas ta' dawn il-kontijiet.

**69.9 MOZZJONIJIET**

**69.9.1**

Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**69.10**

**TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

Is-seduta ntemmet fil-11:15pm.
Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-18 ta' Diċembru, 2023 fis-6pm.

Minuti approvati llum 18 ta' Diċembru 2023

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**John Pillow**
**Sindku**

**Pierre P Portelli**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**